MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 361/2001/2

**Michael Abela**

**vs**

**HSBC Bank Malta plc gja Mid Med Bank Malta plc**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:

Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Ottubru 2000 (Citazzjoni numru 1074/98 GV) fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c gja' Mid Med Bank p.l.c. vs Vincent Oliver Abela f'ismu u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanz tas-socjeta' Laila Ceramincs Enterprises Limited u Michael Abela, l-attur gie ikkundannat jizgombra mill-fondi Garage jismu 'Laila Garage' u showroom jismu 'Nuovo Bagno' gja' 'Laila Ceramics' u qabel bla isem bil-basement sottostanti, it-tnejn sottostanti ghall-fondi li jgibu numru 21 u 22 fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Santa Venera;

Illi mill-process tal-kawza hawn fuq indikata jirrizulta illi c-citazzjoni tal-kawza gie innotifikata fir-residenza tal-ġenituri tieghu m'hux lill-attur-ritrattand, izda lill-ommu certa Mary Elizabeth Abela u dana fil-15 ta' Ottubru, 1998;

Illi l-attur dak iz-zmien ma kienx qieghed jirrisjedi fid-dar tal-ġenituri minhabba li kien inqalgha xi inkwiet bejn hu l-attur u missieru Vicent Oliver Abela tant illi dak iz-zmien l-attur mar ghal zmien konsiderevoli jghix u jirrisjeda ghand ohtu u ma kienx jersaq lejn ir-residenza tal-ġenituri tieghu;

Illi per konsegwenza l-attur fil-kawza odjerna qatt ma gie nnotifikat bil-kawza in kwistjoni u sar jaf biha biss meta gie innotifikat bil-mandat ta' zgumbrament kopja ta' liema mandat qed tigi hawn annessa u immarkata bhala Dok. A;

Illi minhabba dan kollu, l-attur-ritrattand qatt ma deher fil-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u ma ippresentax l-eccezzjonijiet tieghu;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tirrevoka, tikkancella u thassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c gja' Mid-Med Bank p.l.c. vs Vincent Oliver Abela f'ismu u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Laila Ceramics Enterprises Limited u Michael Abela u dana a tenur ta' l-Artiklu 811(b) tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tordna illi l-kawza terga' tigi ritrattata;

Bl-ispejjez u rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta gew ukoll ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-bank konvenut fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi n-notifika lill-attur Michael Abela tac-citazzjoni numru 1074/98 GV fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc gja Mid Med Bank plc vs Vincent Oliver Abela et” saret regolarment fir-residenza tal-istess Michael Abela fl-indirizz Sunray, Triq Dun Gorg Preca, Hamrun, l-indirizz indikat fir-Registru Elettorali ta’ Ottubru 1998 (Dok. B) u f’idejn omm l-istess Michael Abela – Mary Elizabeth Abela – u li b’notifika ohra li saret simultaneament f’idejn l-isess Mary Elizabeth Abela gew notifikati ukoll il-konvenuti l-ohra li effettivament ippresentaw in-nota ta’ eccezzjonijiet ghal citazzjoni meritu ta’ din il-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, il-bank konvenut ma kellu ebda indikazzjoni tal-allegat tibdil fir-residenza tala-attur Michael Abela, tant hu hekk li Michael Abela kien registrat f’dak l-indirizz sew fir-Regsitru Elettorali ta’ qabel in-notifika, sew fir-Registru Elettorali li kien hareg fiz-zmien li kienet saret in-notifika kif ukoll f’dak ta’ wara d-data tan-notifika, cioe’ fir-Registru Elettorali ta’ April 1998, ta’ Ottubru 1998 u f’ ta’ April 1999 (Dok. A, B u C) u ommu accettat in-notifika minghajr ebda oggezzjoni jew kumment u ghalhekk kien dover taghhom li jinfurmaw lill-Marixxal inkarigat minn-notifika b’xi allegat tibdil ta’ residenza u li jsir it-tibdil necessarju fid-dokument relattiv, bhal Identity Card tal-istess Michael Abela u ghalhekk it-tezi tal-attur Michael Abela hi insostenibbli;

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 1074/98 fl-ismijiet “Mid-Med Bank plc vs Vincent Oliver Abela propio et nomine et”

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta’ twegiba tal-bank konvenut;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2004;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-attur jghamel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tas-27 ta' Ottubru 2000 fil-kawza citazzjoni numru 1074/98 GV fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c gja' Mid Med Bank p.l.c. vs Vincent Oliver Abela f'ismu u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Laila Ceramics Enterprises Limited u Michael Abela". L-attur jippremetti li b'din is-sentenza huwa gie kkundannat jizgombra minn fondi li jinsabu f'Santa Venera;

Permezz tal-presenti l-attur qed jitlob li tigi revokata u kancellata l-imsemmija sentenza tas-27 ta' Ottubru 2000 u dana skond il-provedimenti tal-artiklu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement li tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-imsemmija kawza. F'dan ir-rigward l-attur jippretendi li huwa qatt ma gie notifikat bic-citazzjoni relattiva u in effett sar jaf bl-istess kawza biss meta gie innotifikat bil-mandat ta' zgumbrament wara li kienet gia nghatat l-imsemmija sentenza. Fil-fatt l-attur qatt ma deher fil-kawza u ma ppresentax l-eccezzjonijiet tieghu. L-attur inoltre jippremetti li jirrizulta li c-citazzjoni relattiva ghall-imsemmija sentenza giet notifikata lilu fir-residenza tal-genituri tieghu f'idejn ommu Mary Elizabeth Abela fil-15 ta' Ottubru 1998. Huwa jghid li tali notifika ma saritx regolarment stante li dak iz-zmien ma kienx qieghed jirrisjedi fid-dar tal-genituri tieghu. L-attur jippremetti li kien inqala xi inkwiet ma missieru Vincent Oliver Abela, tant li kien mar ghal zmien konsiderevoli jghix u jirrisjedi ghand ohtu;

Il-bank konvenut qed jeccepixxi li n-notifika in kwestjoni lill-attur Michael Abela saret regolarment fir-residenza tieghu cioe fl-indirizz Sunray, Triq Dun Gorg Preca, Hamrun, li hu l-indirizz tal-attur kif indikat fir-Registru Elettorali ta' Ottubru 1998. In effett il-bank konvenut zgur li

ma kellu ebda indikazzjoni tal-allegat tibdil fir-residenza tal-istess attur. L-attur hu indikat bhala residenti fl-imsemmi indirizz fir-Registru Elettorali ta' April 1998, ta' Ottubru 1998 u ta' April 1999. Inoltre omm l-attur accettat in-notifika minghajr ebda oggezzjoni;

L-attur jiddikjara li din l-azzjoni tieghu qed issir a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 811(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu appuntu jipprovdi li kawza deciza tista tigi ritrattata jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa;

Hawnhekk si tratta ta' talba ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza. Gie diversi darbi ritenut fil-gurisprudenza nostrana li r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa wiehed straordinarju u ghalhekk m'ghandiex tinghata interpretazzjoni wiesgha. Ghandu jinghad ukoll pero' li l-istitut tar-ritrattazzjoni hu intiz sabiex possibilment jigu evitati sitwazzjonijiet li jistghu jwasslu ghall-ingustizja. Hu essenzjali li konvenut f'kawza jkun jaf li hemm proceduri pendenti kontra tieghu u b'hekk jista jghazel jekk jikkontestax dawk il-proceduri. Jekk jirrizulta li hemm possibilita li l-konvenut ma kienx infurmat b'dawn il-proceduri, l-istess konvenut ghandu jitqies li ma giex debitament notifikat u dana jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz jindikaw li jista jkun li l-konvenut ma kienx jaf bil-proceduri pendenti kontra tieghu;

Jidher li f'dan il-kaz in-notifika saret b'mod regolari. In effett jirrizulta li n-notifika saret fir-residenza tal-attur odjern u li c-citazzjoni thalliet ma membru tal-familja tal-attur. L-attur pero'jista jipprova l-allegazzjonijiet tieghu li huwa ma kienx avzat bic-citazzjoni u lanqas ma kien jaf li kien hemm il-procediment in kwestjoni pendenti kontra tieghu. Ma hemmx dubju li l-attur ghandu jipprova dawn l-allegazzjonijiet tieghu b'mod sufficjenti. Jekk l-attur jasal ghal din il-prova, dan ghandu jwassal sabiex it-talbiet attrici jigu akkolti;

Mill-kumpless ta' provi prodotti ghandu jinghad li l-Qorti hi sodisfatta li jista jkun li c-citazzjoni ma wasslitx ghand l-attur u li ghalhekk huwa ma kienx jaf bil-proceduri li kienu ittiehdu, ukoll kontra tieghu, mill-bank konvenut f'dawn il-

proceduri. Fic-cirkostanzi li jirizultaw hu ukoll verosimili li l-attur ma giex avzat bic-citazzjoni mig-genituri tieghu. In effett jirrizulta li attur, li kien ghandu jghix fid-dar tal-genituri tieghi, fiz-zmien in kwestjoni telaq minn din id-dar u mar jghix ma ohtu gewwa Ta’ Xbiex. Huwa ghamel hekk minhabba inkwiet li kien hemm bejn huh il-kbir u missieru li wassal li jkun hemm azzjonijiet, anke penali, quddiem il-Qrati kompetenti;

Din hi sitwazzjoni li tista tigri u li tista twassal ghal dak kollu li gara bejn l-attur u l-familjari tieghu. Ghandu jigi konsidrat ukoll li dak iz-zmien l-attur kien jahdem ma huh il-kbir. L-attur ma xtaqx li jidhol f’kwestjoni li kienet tinvolvi membri tal-familja tieghu, tant li huwa gie esentat milli jixhed fl-imsemmija proceduri penali u tant li ghamel zmien ma jkellimx lill-missieru;

Ghandu ukoll jinghad li sostanzjalment dan kollu gie konfermat miz-zewg genituri tal-attur, kif ukoll minn ohtu. In partikolari l-genituri tal-attur odjern kkonfermaw li huma ma kinux informaw lill-binhom bic-citazzjoni li kienet qed issir ukoll kontra l-istess binhom mill-bank konvenut;

Huwa minnu li l-attur ammetta li baqa jkellem lill-ommu tul iz-zmien il-kien jghix ghand ohtu. Pero’ dan ma jfissirx li bil-fors ommu qaltlu bic-citazzjoni in kwestjoni. Anke hu l-attur jghid li l-istess attur baqa jghix fid-dar tal-genituri tieghi sal-gurnata li zzewweg u li huwa kien jara ta’ spiss il-van li kien isuq huh l-attur ipparkeggjat barra d-dar tal-genituri tieghu. Ma hemm ebda riskontru oggettiv ghal dak li qal hu l-attur. Fic-cirkostanzi ma jistax jinghad li hu l-attur hu affidabbli u inoltre l-istess xhud jaqa f’certi kontradizzjonijiet. Lanqas ma tirrizulta sufficjentement pruvata l-allegazzjoni tal-bank konvenut li fiz-zmien in kwestjoni l-attur odjern kien impjegat ma missieru;

Huwa minnu ukoll li jidher li l-attur odjern ma ghamel xejn biex jibdel ufficjalment l-indirizz tieghu fejn jirrisjedi. Huwa minnu ukoll pero’ li fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz ragionevolment l-attur odjern seta jistenna li huwa jigi infurmat bin-notifika liilu ta’ atti tal-Qorti;

In vista tal-premess ghalhekk jidher li c-citazzjoni in kwestjoni qatt ma waslet ghand l-attur odjern, li ma kienx jaf bil-proceduri li kienu ghaddejin ukoll kontra tieghu. Konsegwentement l-attur odjern ghandu jitqies li ma kienx debitament notifikat bic-citazzjoni in kwestjoni u ghalhekk it-talbiet tieghu jimmeritaw li jigu akkolti. Ghalhekk ser tithassar is-sentenza in kwestjoni pero' limitatament in kwantu diretta lejn l-attur odjern u ser tigi ordnata r-ritrattazzjoni tal-kawza pero' biss fil-konfront tal-attur odjern;

Hu ovvju ukoll li l-bank attur ma kellu ebda htija jew responsabilta' ghar-rigward ta' dawn il-fatti u rizultanzi u dan ser ikun rifless fid-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez;

Ghall dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u fl-ewwel lok tirrevoka, tikkancella u thassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 27 ta' Ottubru, 2000 fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c gja' Mid-Med Bank p.l.c. vs Vincent Oliver Abela f'ismu u bhala direttur ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Laila Ceramics Enterprises Limited u Michael Abela" (citazzjoni numru 1074/98 GV) pero' limitatament in kwantu din is-sentenza hi diretta lejn l-attur odjern u fit-tieni lok tordna r-ritrattazzjoni tal-istess kawza pero' biss fil-konfront tal-attur odjern u dana kollu a tenur tal-provedimenti tal-artiklu 811(b) tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez kollha kontra l-attur.

Imhallef

Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------